# Daħlet Qorrot

Daniel Massa

"*Il-baħar minn taħt l-ilsien isejjaħli u waqt li nagħlaq għajnejja nilmaħ dinja li għad ma tweldix, li rrid nagħtiha forma u ordni. Nilmaħ ċrieki dellijiet jistednuni nifdihom – figuri ta' nies traġiċi u komiċi u lejn dawn l-iżjed inħossni miġbud.*" Thomas Mann, *Tonio Kröger*

1. u kif fl-għelieqi tal-mielaħ l-eku tal-bieraħ baqa' jidwi
fil-beraħ mir-ramla l-ħamra sa Daħlet Qorrot
it-tifla benjamina ż-żgħira minn ħamsa ġiżimina magħsura f'widintha
qorbot
        f'estasi ta' wġigħ widintha infettata
        fi ċrieki t'apostasija bla ġieħ
        qorbot tkemmex ġbinha biex teħles mill-fakra
        ta' skejjen jiġġarrfu f'dawn l-imkejjen
        qorbot ilsienha bebbuxu
        iżellaq fidda ma' nejba mħassra
        mgħarrqa demm u bżieq u ilma mit-toqob fi ħniekha
        tas-siringa tiġri
        mal-vini tul għonqha tikmix ta' wiżgħa
        milwi lura jissamma'
        l-mewġ iħabbat mal-ħofor imxaffra kuruna fil-blat
jirrakkonta nawfraġju li għad ma seħħx
imm' għada jintlemaħ diġà dellu ntlemaħ
qlugħ abjad fil-forma qies u ordni
li lbieraħ għażel missierha

2. kif qabel sebaħ illum
ntlemaħ minflok qlugħ iswed faħam
xewka ta' traġna jew skorfna nifdet laħamha
dieħes qed ifiq għadu jnixxi
ftakret konz snanar miżmum mhux mifrux
skald ta' strixxi qasab kannizzati li s-sajjieda ma telqux
xewk iswed imdennes ta' rizzi maqsuma addoċċ
deħlin bħal raġġiera fil-qrada f'għarqubha
u x-xebba qorbot milgħuba
    għadha tixxennaq il-qlugħ abjad imwiegħed sar iswed u mżarrat miftuq
    tistħajjel festa ċkal u ħut ġox-xbieki li għad ma nkalawx
    ruħha apostata magħdura
    mal-baħħar f'agunija ta' stasi mitluf f'tempesta
    u l-iskuna tax-xenqa riesqa lura lejn żewġ skolji traditura miksijin pesta
    fid-dlam għal ġol-menqa

3. u kif mas-sebħ tinkiser id-dalma
sinslet l-iskuna titriegħed tixxaqqaq u ċċedi
id-dieħes jinfetaħ ferita terħi semm u demm
fi ċrieki ta' stmellija
inassu d-dellijiet tal-imħabba u ż-żina u l-glorja
ġo baħar ifawwar qarnit u arzell
fis-santwarju għamlitu tagħha fil-bajja tar-ramel aħmar
jaħrab imdieheb minn ġoċ-ċrieket bejn subgħajha
għajnejha jingħalqu w jitbexxqu mar-ritmu karba
tisplodi ġo moħħha biex teqred il-metafori tal-glorja
dellijiet it-tixbih u – tistenna

4. in-nawfraġju tal-iskuna mixtieqa li għad trid tinbena
qlugħ pellegrin li jaf jifdi
abjad imżarrat tal-għażel irid jibda jintiseġ
tila wiesgħa daqs oċean li għad ma tpittirx
li l-baħri ta' ħila ried jaqsam jumejn qabel l-għaxra ta' Frar
ħolma mħabbla ta' mrar li ma jitfissirx
f'apoloġija li trid tintbagħat ġa nkitbet u forsi tintbagħat
lill-mara tar-raġel li miegħu elf darba xtaqet li kieku silfet xbubitha
u li t-tnejn li huma mhux għalxejn

iqisuh mid-disgħa w disgħin veġġent qaddis
ħarstu tofroq uċuħ l-ibħra sal-qigħan
tiftakar issa li xjaħet
jeħtieġ tibqa' tiftakar
l-eku u d-diwi tal-ħolm li qed terġa' tisma'
ġol-arzella tħossha titbexxaq ġo jdejha
hekk kif ilsienha bebbuxu bla trid jerġa' jserrep u jdur
mal-ferita fil-ħanek
tfittex għan-nejba bla taf ġa ntilfet
bħas-salib rigal misruq jew misluf jew mitluf
qatt ma nstab
fir-ramel dehbi u l-alka ħadra fidda blu
fis-santwarju qadim ta' xbubitha
issa qed ifawwar bil-gandoffli voparella w arzell kappasant
iħabbrilha sa fl-aħħar il-fidwa